Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 144/2013

**Nutar Dr. Remigio Zammit Pace (K.I. 116639M)** (Appellat)

**vs**

**MDM Investments Limited (C51186) u Roofs Limited (C39824)** (Appellanti)

Il-Gimgha, 24 ta' Gunju 2016.

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors promotur tal-attur tal-14 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ihallsuh is-somma ta' erbat elef, mitejn u tmienja u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€4,248.12), jew somma ohra verjuri bhala bilanc ta' spejjez u drittijiet ghas-servizzi professjonali moghtija minnu in konnessjoni mal-konvenju datat 14 ta' Lulju 2010 u mal-kuntratt ta' self, cessjoni u komprovendita ippubblikat minnu fit-8 ta' April 2011 li permezz tieghu l-intimata MDM Investments Ltd: (i) isselfet is-somma ta' miljun hames mija u tmint elef ewro (€1,508,000) minghand Lombard Bank Malta plc; (ii) akkwistat permezz ta' cessjoni d-drittijiet kollha tal-intimata l-ohra Roofs Limited taht il-konvenju suriferit; u (iii) akkwistat il-fond bin-numru 43 (gia 16) drabi ohra maghruf ukoll bhala 41, 43 u 45 fi Triq Ghar id-Dud Sliema. Bl-ispejjez inkluz l-imghax legali kontra s-socjetajiet konvenuti.

Rat ir-risposta ta' MDM Investments Limited u Roofs Limited tal-11 ta' Gunju 2013[1] li permezz taghha ressqu s-segwenti eccezzjonijiet: (i) it-talbiet attrici mhumiex misthoqqa ghax id-dritt spettanti lill-attur u mahrug fuq talba tieghu stess kien jammonta ghal €6090.84 kif jirrizulta mid-digriet numru 550/2012 moghti mill-Qorti Civili – Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Ghalhekk il-konvenuti m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur anzi huma kredituri tieghu talli huwa thallas abbusivament u illegalment oltre dak illi kellu jithallas; (ii) id-drittijiet professjonali pretizi mill-attur skond kont minnu mibghut kienu jammontaw ghal €14,000 meta skond dokument minnu stess mahrug id-drittijiet tieghu kienu jammontaw ghal €6,090.84; (iii) minkejja dan, u ghax ma kinux konsapevoli tal-fatt li kienu qeghdin jigu ngannati

[1] Fol 11.

mill-attur, l-intimati hallsu oltre dak li kien dovut minnhom lill-attur is-somma ta' circa €9,751.88 skond cekkijiet mahruga mill-intimati ghas-servizzi notarili minnu rezi eskluz spejjez biex b'hekk l-attur ghandu jirrifondi lill-intimati s-somma ta' €3,661.04. B'kontro-talba l-intimati qed jitolbu r-rifuzjoni tal-flus zejda li gew imgieghla jhallsu lill-attur rikonvenzjonat minkejja li l-attur kien jaf illi l-ammont lilu dovut kien ferm inqas minn dak minnu mitlub.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti MDM Investments Limited u Roofs Limited ghat-talba tal-attur rikonvenzjonat tal-11 ta' Gunju 2013[2], fejn premettew li: (i) l-konvenuti rikonvenzjonanti uzaw is-servizzi notarili tal-attur rikonvenzjonat in konnessjoni mal-kuntratt ta' self, cessjoni u komprovendita ppublikat mill-istess attur rikonvenzjonat fit-8 ta' April 2011, skond konvenju tal-14 ta' Lulju, 2010 ghal komprovendita tal-fondi 43, Triq Ghar id-Dud, Sliema; (ii) oltre l-ispejjez notarili rcevew kont tad-drittijiet notarili tal-attur fis-somma ta' €14,000 li minnhom huma gew ingannati jhallsu s-somma ta' €9,751.88, meta effettivament huma kellhom ihallsu €6,090.84, biex b'hekk il-bilanc li gie mhallas indebitament u ghandu jigi rifuz lill-intimati rikonvenzjonanti huwa ta' €3,661.04; (iii) dawn il-flus ghad-drittijiet professjonali ma kellhomx jithallsu lill-attur rikonvenzjonat stante illi huwa kien jaf fil-11 ta' Settembru, 2012, illi l-ammont dovut lilu skond digriet numru 550/12 mahrug mill-Qorti Civili – Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja m'ghandux jeccedi s-somma ta' €6090.84 u dan fuq talba maghmula mill-istess attur rikonvenzjonat. Il-konvenuti rikonvenzjonati ghalhekk talbu lill-Qorti biex (a) tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jirrifondilhom is-somma ta' €3,661.04[3] oltre l-imghax legali imhallsa ndebitament minnhom ghas-servizzi notarili rezi mill-attur rikonvenzjonat ghal pubblikazzjoni tal-kuntratt tat-8 ta' April, 2011 u dan kif jirrizulta mid-digriet numru 550/12 tal-Qorti Civili – Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti tad-19 ta' Gunju 2013[4] fejn eccepixxa li t-talba maghmula fil-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti mhix misthoqqa ghax: (i) il-konvenuti rikonvenzjonanti inkarigawh biex jassistihom professjonalment in konnessjoni mal-konvenju datat 14 ta' Lulju 2010 u l-kuntratt ta' self, cessjoni u komprovendita ppubblikat minnu fit-8 ta' April 2011; (ii) fil-kaz odjern l-inkarigu professjonali affidat mill-konvenuti lilu u espletat minnu kien jinkorpora servizzi professjonali addizzjonali ghal dawk intaxxati skont id-digriet bin-numru 550/2012 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) u ghalhekk l-ammont ta' kumpens pretiz minnu skont il-prospett datat 07/05/2011 huwa gustifikat u dovut fl-intier tieghu

[2] Fol 12.
[3] In vista tax-xhieda moghtija mid-Deputat Registratr tal-Qorti, is-socjetajiet konvenuti rriducew it-talba ghal rifuzjoni fil-kontro-talba taghhom ghas-somma ta' **€3,288.04** – verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2013 a fol 79.
[4] Fol 22.

mill-konvenuti; (iii) il-konvenuti accettaw li jhallsu l-ammont pretiz minnu tant li saru wkoll hlasijiet akkont izda l-bilanc ta' erbat elef, mitejn, tmienja u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€4,248.12) baqa' ma thallasx minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu dan il-bilanc; (iv) l-allegazzjonijiet maghmula mill-konvenuti rikonvenzjonanti fir-risposta u kontro-talba taghhom illi huma gew b'xi mod ingannati mill-attur u/jew li l-attur thallas abbusivament u illegalment huma mhux biss assurdi izda addirittura malizjuzi u ma ghandhom l-ebda fundament legali jew fattwali. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti rikonvenzjonanti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Frar 2014 li ddecidiet hekk:

*"Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu li ntqal aktar 'il fuq din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici billi qieghda tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti ihallsu lill-attur dik is-somma pretiza minnu fir-rikors promotur u dan fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u tmienja u erbghin ewro u tnax-il centezmu (€4,248.12) u ghalhekk qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba tas-socjetajiet konvenuti, u qieghda tichad l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tas-socjetajiet konvenuti. Bl-ispejjez inkluz l-imghax mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficcjali datata 4 ta' Dicembru 2012 sad-data tal-eventwali hlas."*

Dan wara li fost ohrajn ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. Fattwalment, l-inkarigu moghti lill-attur kien wiehed li kellu jippubblika kuntratt fejn fih kien hemm mat-tletin persuna nvoluta;
ii. Guridikament, ir-rapport instawrat ghandu mill-figura tal-*locatio operis*, kif dan il-kuntratt hu definit mill-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Hu proprju dan ir-rapport li jippostula l-konferiment ta' l-inkarigi specifici moghtija lill-attur f'dan il-kaz;
iii. La l-prestazzjonijiet mill-attur ma kienx gratuwit dan kien intitolat ghall-hlas tieghu. Fl-assenza, imbaghad, ta' ftehim minn qabel kellu jsegwi li jkun applikat ghal fattispeci l-kriterju generiku li jsegwi skond l-Artikolu 1624, Kodici Civili;
iv. Dan kien kuntratt straordinarju li fih kien hemm tletin venditur u ghalhekk kienet bicca xoghol kbira biex jaghmel il-konvenju. Filwaqt li t-Tariffa kif mahduma mir-Registratur (inkluz VAT) hija ta' €6,090.84, id-differenza tkopri s-servizzi li kien gie nkarigat li jaghmel u li ma kinitx tapplika ghalihom it-tariffa, ir-ricerki li ghamel u d-drittijiet professjonali ghall-assenjazzjoni tal-konvenju (li hu t-tieni parti tal-Att Pubbliku);
v. Is-socjetajiet konvenuti ma jichdux li l-attur tahom servizz tajjeb. Madankollu ma hallsux l-ammont mitlub mill-attur fil-kawza ghax dehrilhom li huwa ghandu jithallas biss skond it-tariffa mahduma mill-Qorti Volontarja u kien ghalhekk li talbu rifuzjoni ta' flus imhallsa minnhom

lill-attur;

vi. Fil-mori tal-kawza l-ligi tbidlet fis-sens li llum il-gurnata l-ligi tipprovdi hlas ukoll ghall-ezami tar-ricerki li qabel il-ligi kienet siekta dwarhom. Dan huwa ndikattiv bl-emendi li saru li x-xoghol zejjed li ghamel in-Nutar qabel ma saru dawn l-emendi ma kienx inkluz fit-tariffa. Konsegwentement qabel l-emendi min ghamel dan ix-xoghol kellu dritt jithallas mhux skond it-tariffa;

vii. Fil-kaz in desamina ir-responsabbilta' tal-attur ma kinitx biss illi jaghti parir legali izda kienet wahda professjonali fejn ried jerfa' r-responsabiltajiet legali kollha li tali parir jista' jgorr;

viii. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti thoss li l-ammont mitlub mill-attur ghal dan is-servizz mhux esagerat u ghalhekk l-attur huwa gustifikat li jitlob dik is-somma pretiza minnu.

Is-socjetajiet konvenuti hassewhom aggravati minn din is-sentenza u appellaw minnha quddiem din il-Qorti. L-attur appellat wiegeb[5]. Waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2015[6] dehru d-difensuri tal-partijiet u rapprezentant tas-socjetajiet appellanti u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**<u>L-appell tas-socjetajiet MDM Investments Limited u Roofs Limited.</u>**

L-aggravju taz-zewg socjetajiet appellanti hu l-attur appellat ma kellux dritt jippretendi hlas iktar minn dak stabbilit fit-taxxa tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Gurisdizzjoni Volontarja), u ghalhekk huma kien jisthoqqilhom rifuzjoni tal-hlasijiet "zejda" li ghamlu. L-appellanti jzidu li n-nutar appellat ma kienx responsabbli ghall-ezami tar-ricerki stante li l-emendi fil-ligi gew introdotti sussegwentement oltre l-fatt li dawn l-istess ricerki gew ezaminati mill-avukati tal-Bank. Ukoll, l-emendi li saru fil-ligi wara l-2011 ma kellhom ebda rilevanza ghall-kaz ghax l-inkarigu tan-Nutar kien tlesta qabel dahlu fis-sehh l-emendi.

Fl-ewwel lok u kif inghad ripetutament mill-Qrati, "*….jigi ribadit illi: 'Il-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-ragunament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi.*[7]"

---

[5] Fol 8 *et seq*.
[6] Fol 24.
[7] App Civ Nru 450/14 – **Mattia Preti Limited vs Charmaine Azzopardi deciz fis-27 ta' Mejju 2016** Para.21.

Riaffermat dan il-principju l-Qorti tqis li l-appell tas-socjetajiet appellanti mhuwiex gustifikat. Il-qorti tosserva li:

1. L-attur ta servizzi professjonali lis-socjetajiet konvenuti in konnessjoni ma' konvenju datat 14 ta' Lulju 2010 bejn Roofs Limited bhala xerrejja u tletin venditur, kif ukoll il-kuntratt pubbliku relattiv ippublikat mill-attur fit-8 t'April 2011 li kien jinkorpora fih self, cessjoni u komprovendita'[8]. L-attur xehed:

*"Irrid nghid illi dan kien kuntratt straordinarju li fih kien hemm tletin (30) venditur u ghalhekk anki biex ghamilna l-konvenju kienet diga' bicca xoghol kbira. Inoltre peress li kont gejt mitlub niehu hsieb ukoll tar-ricerki, kelli naghmel ricerki ta' l-fuq minn sebghin (70) individwu, barra mill-fatt li dawn ir-ricerki kienu jkopru perjodu sa' mill-8.5.1873. Meta minn kmieni bdejt nara kemm il-passaggi tal-proprjeta' kienu komplikati avzajt lil Dato Mallia u nfurmajtu wkoll illi dan kien ser jinvolvi xoghol professjonali u spejjez aktar minn kuntratt normali. Ir-ricerki kienu jammontaw ghal sitt (6) archlever files[9].....Dawn ir-ricerki wahedhom gew jiswew €8,846 u hallast ghalihom jien. Irrid nghid ukoll illi bejn korrispondenza u emails fuq dan il-kuntratt ghandi tlett (recte 3) archlever files ohra. Dan ghaliex sakemm saru l-kuntratt finali, n-negozjati bejn il-partijiet li ma kinux facli (per ezempju l-kuntratt gie mgedded erba' darbiet) u xoghol iehor relatat mal-kuntratt (per ezempju, kien hemm komunikazzjoni kontinwa mal-Bank) kienu jinvolvu hafna sighat twal ta' diskussjonijiet kemm wicc imbwicc, kemm bit-telefon kif ukoll bl-email."*[10]

Dan apparti kumplikazzjonijiet ohra li qamu kif spjegat mill-appellat fl-affidavit[11].

2. Il-kumplessita' u l-volum ta' xoghol li twettaq mill-attur gie wkoll ammess mir-rapprezentant taz-zewg socjetajiet appellanti, Malcolm Dato Mallia. Fl-affidavit tieghu qal, *"huwa veru illi l-kuntratt in kwistjoni kellu xoghol sostanzjali u kien hemm involuti numru ta' bejjiegha*[12]*";* imbaghad f'zewg emails separati ndirizzati lill-attur appellat, Mallia jghid *"I know and appreciate all your very very hard work with and all the patience and hours you placed in this deal* [13]" kif ukoll *"as I am very aware, this was a very complex deal, and you worked very hard...*[14]*".* Specifikatament dwar ir-ricerki li ghamel l-attur appellat, Mallia qal *"li huma konsistenti f'hafna dokumentazzjoni u ghalhekk stajt nara li dan ix-xoghol u cioe' dak li ghamel in-nutar, kien aktar voluminuz minn xoghol iehor*[15]*."*

3. Ghal dak li huma hlasijiet dovuti, irrizulta fl-ewwel lok li t-tariffa kif mahduma mir-Registratur tal-Qrati (inkluz il-VAT) kienet fis-somma ta' €6,090.84

[8] Affidavit tal-attur a fol 27.
[9] Esbiti *animo ritirandi*.
[10] fol 27-28.
[11] Fol 28.
[12] Fol 83.
[13] Email tad-19 ta' Novembru 2011 – Dok 'A' a fol 30.
[14] Email tas-6 ta' Settembru 2012 - Dok 'L' a fol 72.
[15] Kontro-ezami – seduta tal-4 ta' Dicembru 2013 a fol 93.

(Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja)[16], liema tariffa sussegewentement irrizulta li kellha zball fil-kalkoli fis-somma ta' €373 [17].

4. Kien l-attur li talab lill-Qorti sabiex jigu ntaxxati favur tieghu id-drittijiet dovuti lilu ghall-pubblikazzjoni tas-segwenti dokumenti: (a) Konvenju bi skrittura privata bid-data tal-14 t'April 2010; u (b) Att pubbliku bid-data tat-8 t'April 2011 li kien jinkorpora self ghal xiri, self ghal pagament ta' kuntratturi u komprovendita[18].

5. Id-deputat registratur ta' dik il-qorti, Marcel Bugeja, kkonferma li din it-taxxa kienet tkopri biss dak mitlub min-nutar appellat fin-nota tieghu a fol. 14 u "*ma kinitx tkopri la r-ricerki u lanqas it-titolu, u dan ghaliex il-ligi kienet ghadha ma hargitx*[19]*"*. Lanqas ma kien sar intaxxar fuq ic-cessjoni li sar fuq il-konvenju.

6. L-attur appellat ikompli jghid hekk *"il-kont li hrigt jien huwa ta' €14,000 inkluz il-VAT; id-differenza fil-fatt tkopri r-rinumerazzjoni tieghi ghas-servizzi li gejt inkarigat nippresta u li ma kinitx tapplika ghalihom it-tariffa. Apparti x-xoghol kollu tar-ricerki li kif semmejt diga' mhux inkluz fit-Tariffa, l-istess Tariffa kif mahduma mir-Registratur lanqas ma tipprovdi ghad-drittijiet professjonali ghall-assenjazzjoni tal-konvenju (li hu t-tieni parti ta' l-Att Pubbliku) ghaliex anki f'dan il-kaz it-Tariffa ma tipprovdix ghaliha*[20]*.*

7. Originarjament is-socjetajiet konvenuti mhux talli ma oggezzjonawx ghall-hlas ta' din is-somma mitluba mill-attur talli bdew jaghmlu hlasijiet akkont[21] wara li talbu xi zmien sabiex ihallsu dak mitlub mill-attur[22] apparti li xi hlas bic-cekk sar *post-dated* [23]. Mis-somma ta' €14,000 (li kienu jinkludu wkoll l-ammont indikata fit-tariffa tal-Qorti), is-socjetajiet appellanti jammettu li huma kienu diga' hallsu €9752.00,0[24]. M'hemmx provi sufficjenti biex il-qorti tikkonkludi li l-konvenuti kkontestaw il-hlas pretiz mill-attur fir-rigward tal-kont datat 7 ta' Mejju 2011.

8. L-oggezzjoni tas-socjetajiet konvenuti ghall-kont, giet zmien wara u hi bazata fuq il-pretensjoni li t-taxxa tar-Registratur kienet tkopri dak kollu dovut lill-attur in konnessjoni mas-servizzi professjonali li ta[25] u li ghandhom jiehdu rifuzjoni ta' dak li hallsu zejjed. Pero ghall-qorti hu evidenti li l-konvenuti kienu accettaw il-

---

[16] Dok MDM 1 – fol 13 *et seq*.
[17] Xhieda ta' Marcel Bugeja, Deputat Registratur fil-qorti volontarja (fol 89).
[18] Nota tal-attur prezentata fil-Qorti Civili Sezzjoni Volontarja fil-11 ta' Settembru 2012 a fol 14.
[19] Ibid. Fol 89.
[20] Affidavit - Fol 28.
[21] Affidavit tal-attur a fol 28.
[22] Ara email datata 19 ta' Novembru 2011 paragrafu (1) a fol 30.
[23] Email 6 ta' Gunju 2012 a fol 71.
[24] Affidavit ta' Malcolm Dato Mallia a fol 83.
[25] Affidavit Malcolm Dato Mallia a fol 83.

kont li hareg in-nutar tant li hallsuh is-somma ta' €23,000 (ara Dok. D a fol. 65) li kienu jinkludu wkoll l-ispejjez li ghamel in-nutar ghal dak li jirrigwarda Registru Pubbliku (€4,402) u Ricerki (€8,846.12).

9. Jigi nnutat ukoll li ghalkemm jidher li f'servizzi precedentement moghtija lill-konvenuti, l-attur kien izommilhom bil-0.5% jew inqas mill-prezz tax-xiri bhala hlas[26], hemm qbil bejn il-partijiet li dwar is-servizzi notarili mertu tal-proceduri odjerni ma sar ebda ftehim partikolari dwar ir-rata ta' hlas[27]. Kif inghad qabel pero' jidher ukoll li n-Nutar kien avza lill-konvenuti li minhabba l-kumplikazzjonijiet involuti, ix-xoghol professjonali u spejjez kienu se jkunu akbar minn dawk ta' kuntratt normali. Dan ma giex michud mis-socjetajiet appellanti. Hu x'inhu il-hlasijiet li saru jikkonfermaw li d-dritt tal-attur ma kellux jigi kkalkolat bir-rata ta' 0.5%.

10. Kuntrarjament ghal dak li argumentaw il-konvenuti, l-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-portata tal-emendi li saru fl-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Notarili (Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta) hija rilevanti ghall-finijiet tal-kaz odjern ghax tikkonferma li <u>qabel</u> l-emendi tal-2012, ix-xoghol u servizz <u>addizzjonali</u> li ghamel l-attur ma kinux inkluzi fit-tariffa. Dan wara kollox jirrizulta wkoll mit-Tariffa li kienet tapplika qabel l-emendi.

Maghmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet li jikkonfermaw dak li gie kkonstatat fil-prim' istanza, il-Qorti tikkondividi wkoll mal-principji legali u gurisprudenzjali li bbazat ruhha fuqhom l-ewwel Qorti fil-konkluzjonijiet taghha. Dan ghaliex:

(a) Irrizulta inekwivokabilment li l-attur ippresta servizzi notarili lis-socjetajiet appellanti li uhud minnhom, kif inghad, ma kinux koperti mit-tariffa ndikata fil-ligi. L-attur ghandu jedd jithallas ghax-xoghol kollu li ghamel. Kif inghad fil-kaz **Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd et** deciz fl-20 ta' Novembru 2009[28] - *"Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghall-principju illi omnia labor, optat premium."*

(b) Fil-kazijiet bhal dak odjern fejn ma tapplikax it-tariffa, il-kalkolu ghall-hlas ghandu jiehu in kunsiderazzjoni l-hin mehud, ir-responsabbilita' nvoluta u l-importanza tal-pariri li nghataw (**Nutar Giorgio Gioiso vs Carmelo Pulis (Vol XX pt II pg 436).** Ma hemm ebda dubju, u dan gie rikonoxxut mill-partijiet kollha nvoluti, li s-servizzi li ta l-appellat f'dan il-kaz kienu estensivi, ta' natura kumplessa u kienu jirrikjedu sighat ta' xoghol partikolarment meta tqies li kien hemm tletin (30)

[26] Dok A, B u C a fol 85 sa 87.
[27] Attur in kontro-ezami a fol 92 u affidavit ta' Malcolm Dato Mallia a fol 83.
[28] App Inferjuri Nru 532/05.

persuna li jidhru bhala vendituri u l-kwantita ta' ricerki li l-attur kellu jistudja u jaghti parir dwarhom. Il-qorti taqbel perfettament mal-analizi u l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti. Il-hlas pretiz mill-attur altru milli kien ragonevoli.

Finalment il-Qorti tinnota li l-appellanti argumentaw ukoll li l-appellat ma kienx responsabbli ghall-ezami tar-ricerki u li dan sar mill-avukati tal-Bank li ta s-self lix-xerrejja. Mill-provi ma rrizulta xejn minn dan. Lanqas intwera li l-appellat kien inghata xi struzzjoni specifika mill-appellanti biex ma jaghmilx dan l-ezercizzju. Quddiem l-ewwel qorti l-argument kien differenti, cjoe' li n-nutar kellu l-obbligu li jezamina r-ricerki (ara paragrafu 16 tan-nota ta' sottomissjonijiet). Fiz-zmien li gie ppubblikat il-kuntratt, il-pubblikazzjoni ta' kuntratt ma kinitx tinkludi l-obbligu li n-nutar jistudja r-ricerki u jaghti parir dwarhom (ara per ezempju sentenza tal-Prim'Awla **Carmel Galea et vs Nutar Pubbliku Dottor Pierre Falzon** tat-12 ta' Ottubru 2006). L-attur ghandu kull dritt li jitlob hlas ghal dak ix-xoghol, li rrizulta li mhuwiex rifless fit-taxxa tal-qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra z-zewg socjetajiet appellanti.**

Anthony Ellul